**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 21 ta' Frar 2023**

**<u>Rikors nru 192/ 2022 fl-ismijiet</u>**

**M sive SS f'isimha u bhala kuratrici tal-minuri NS**

**Vs**

**DDA u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors Guramentat ta' M sive SS pro. et. noe li ppremettiet :-**

1. Illi minn relazzjoni bejn ir-rikorrenti M sive SS u l-konvenut DDA , nhar it-23 ta' Dicembru 2009, twieldet il-minuri N u dan kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat Dok A.

2. Illi ghalkemm ir-rikorrenti sa mill-bidu tat-tqala kienet infurmat lill-konvenut DDA bl-istess tqala, huwa ghazel li jabdika minn kull responsabbilita` u anke beda jinjora kull telefonata u messagg li hija kienet tibghatlu, tant li l-minuri N giet indikata bhala bint ta' "missier mhux maghruf."

3. Illi r-rikorrenti pprocediet b'ittra ufficjali li ggib in-numru 50/22 fil-konfront ta' DDA biex dan jersaq ghar-rikonoxximent tal-minuri Natalia izda huwa baqa' inadempjenti, u dan minkejja li anke sar t-test genetiku tad-DNA minn Dr. Marisa Cassar kif espressament mitlub minnu, u gie kkonfermat li huwa l-missier bijologiku tal-minuri (Dok B).

4. Illi konsegwentement ir-rikorrenti kellha tipprocedi bir-rikors guramentat odjern sabiex il-bint tigi rikonoxxuta ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

**Ghaldaqstant,** in vista tas-suespost ir-rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut DDA huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri Natalia Schembri u konsegwentement:

2. Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid ta' N S billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri, jigu kkancellati l-kliem "missier mhux maghruf" u jigu sostitwiti b'isem u kunjom il-konvenut u

cioe` " DDA " u tordna ukoll illi l-partikolarijiet relattivi ghall-professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta`, ghall-post tat-twelid u residenza, u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missieru, jigu korretti kontestwalment billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolarijiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza;

3. Tordna li minkejja dan ir-rikonoxximent, il-minuri N tibqa' maghrufa bil-kunjom "S";

4. Tordna jekk ikun il-kaz, il-korrezzjoni f'kull att iehor relattiv u sussegwenti ghal tali certifikat tat-twelid ta' NS ;

5. Konsegwentement tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa l-imsemmija korrezzjonijiet;

**Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, ingunti in subizzjoni**.

RAT IR-RISPOSTA ĠURAMENTATA TAD-DIRETTUR TAR-REĠISTRU PUBBLIKU LI ECCEPIXXA S-SEGWENTI:-

**1.** Illi jibda billi jingħad li fil-mertu, u b'referenza partikolari għall-paternità in kwistjoni tal-minuri NS l-esponent mhux edott mill-fatti li ġew iddikjarati mir-rikorrenti fir-rikors ġuramentat u għaldaqstant qiegħed jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi mid-dokumenti annessi mar-rikors promotur, jidher illi diġa’ sar test tad-DNA, li jikkonferma li l-konvenut DDA huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri. Għal tali test l-esponent ma jsib l-ebda oġġezzjoni, salv pero’ illi jkun maħluf minn Dr. Marisa Cassar.

3. Illi fiċ-ċirkostanzi, fir-rigward tat-talbiet attriċi, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti, kemm-il darba l-Qorti tkun soddisfatta illi l-intimat DDA huwa tassew il-missier naturali tal-minuri NS .

4. Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li jintlaqgħu it-talbiet tar-rikorrenti, 1-esponent jistieden lill-konvenut DDA sabiex jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu permezz ta' nota li tispeċifika senjatament: (1) In-numru tal-karta tal-identita` tiegħu, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-eta` tiegħu meta twieldet il-minuri, (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet il-minuri, (6) Isem u kunjom missieru (nannu patern tal-minuri) u (7) Jekk l-imsemmi missier kienx għadu ħaj meta twieldet il-minuri. Tali informazzjoni hija meħtiega sabiex eventwalment tkun tista’ tiġi inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri li jġib in-numru 46 tas-sena 2010.

5. Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri N, a tenur tal-Artikolu 92 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Illi fir-rigward tar-raba’ talba attriċi, fejn ir-rikorrenti qed titlob illi kull modifika fl-att tat-twelid ta’ bintha N tiġi riflessa f’atti oħrajn relattivi u

sussegwenti, l-esponent jirrileva illi sabiex dan ikun possibbli, ir-rikorrenti għandha tispeċifika liema huma l-atti ta' stat ċivili l-oħrajn, jekk hemm, bin-numru progressiv u s-sena ta' kull wieħed. Għal kull buon fini qed jingħad ukoll illi f'każijiet ta' reġistrazzjonijiet ta' atti ta' stat ċivili esteri li jiġu rreġistrati *ai termini* tal-Arikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent sempliċement jirreplika l-partikolaritajiet li jkunu indikati fuq l-atti esteri *ad verbatim* u għalhekk ma jkunx possibbli li jsiru modifiki kemm-il darba ma jkunx immodifikat ukoll l-att esteru relattiv.

**7.** Illi finalment, u dejjem mingħajr ħsara għas-suespost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti.

**8.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.

**Rat ir-risposta tal-konvenut DDA** datata 14 ta' Ottubru 2022 fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici proprio et nomine li minn issa tinsab ingunta in subizzjoni.

**Rat l-atti u d-dokumenti esebiti**.

Rat ukoll l-affidavit ta' **Dr. Marisa Cassar** fejn wara li zammet it-testijiet tad-DNA kkonfermat li l-probabilita' hija li l-konvenut DDA
huwa l-missier naturali u biologiku tal-minuri NS .

Rat ukoll li permezz ta' nota pprezentata minn Dr.Rodianne Sciberras, il-partijiet waslu fuq ftehim anke fuq il-kura u kustodja u l-access tal-minuri. Inoltre jirrizulta li l-partjiet qablu li l-minuri ghandha tuza' l-kunjom " DS''/

Illi ghalhekk, mill-provi prodotti, ma hebb l-ebda dubju li l-minuri hija bint il-konvenut DDA , kif jirrisulta mit-test tad-DNA. Ghall-Qorti din hija l-aktar prova xjentifika li ma thalli ebda lok ghal interpretazzjoni. Ladarba l-paternita' tal-minuri hija hekk determinata, il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-mertu ta' x'wassal ghal din il-kawza. It-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha, u l-kunjom tal-minuri ghandu jigi kif indikat mill-partijiet. Il-konvenut ghandu jindika d-dettalji tieghu li ghandhom jigu inkluzi fic-certifikat tat-twelid tat-tifla, hekk kif dan ser jigi korrett mid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-konvenut DDA huwa l-missier naturali u biologiku tal-minuri NS.
2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna lill-partijiet jipprezentaw nota bid-dettalji li bihom ghandha ssir is-sostituzzjoni fic-certifikat tat-twelid.

3. Tichad it-tielet talba stante qbil bejn il-partijiet li l-minuri ghandha ggorr il-kunjom " DS ."
4. Tilqa' r-raba' talba attrici.
5. Tilqa' l-hames talba attrici.

L-ispejjez ghandhom jigu maqsuma bejn l-attrici u l-konvenut DA bi kwoti indaqs.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**